**21 ta' Lulju, 1998**

**Imħallef:-**

***Onor. Gino Camilleri LL.D.***

Maria Baldacchino

*versus*

Edwin Pace

## Revoka ta' Mandat ta' Inibizzjoni

*Fi proċeduri taħt l-artikolu 836 (1) (f) il-Qorti m'għandhiex il-funzjoni li tirrivedi dak li għamlet Qorti diversament ippresjeduta jew li tissindakaha, iżda għandha tara biss jekk hux raġonevoli li l-mandat jibqa' fis-seħħ jew jekk għadux meħtieġ.*

*Hija għalhekk kwistjoni rrilevanti kif ġie akkordat il-mandat oriġinarjament jew għaliex ir-rikors promotur tal-mandat ma kienx ġie mwieġeb.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors fejn Edwin Pace ppremetta illi huwa ġie regolarment innotifikat bil-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet fuq premessi, iżda bi svista ma marx immedjatament għand avukat tal-fiduċja tiegħu u meta mar kien skada ż-żmien għar-risposta; illi fin-nuqqas ta' risposta din il-Qorti laqgħet it-talba magħmula bil-mandat surriferit; illi permezz ta' dan il-mandat l-esponenti ġie inibit milli jagħmel użu mir-rampa li hemm quddiem il-garaxx tiegħu, bil-konsegwenza li hu ma jistax jidħol fl-imsemmi garaxx; illi r-rampa in kwistjoni nbniet bil-pjena konsapevolezza u kunsens ta' Maria Baldacchino, li kienet ferm kuntenta bix-xogħol li sar u dan għaliex l-ispazju fejn illum hemm ir-rampa tnaddaf mill-ħmieġ u imbarazz li kien hemm qabel, u ta' dan hija esprimiet ir-rikonoxximent tagħha lejn l-esponenti. Oltre minn hekk, meta r-rampa kienet qed issir l-esponenti kemm-il darba avviċina lil Maria Baldacchino u staqsieha kif xtaqet li ssir. Tant hu hekk li din ir-rampa nbniet b'mod u manjiera li tilqa' l-ilma milli jidħol fil-fond ta' l-

*intimata*; *illi din ir-rampa* ġiet kostruwita legalment, u hija essenzjali għall-użu ta' l-uniku garaxx ta' l-esponenti li l-uniku aċċess għalih jinsab fi Sqaq l-Isptar ma' ġenb il-fond ta' l-intimata Mary Baldacchino; illi minn fuq li l-esponenti ħaseb fil-bżonnijiet ta' *l-intimata meta bena r-rampa in kwistjoni u* għamel kollox bil-konsapevolezza, bil-kunsens u a kuntentizza tagħha. Hija issa, għal xi raġuni stramba, qed tagħmel minn kollox sabiex twaqqfu milli jużaha; illi l-aġir ta' l-intimata, oltre li jikser il-prinċipju tal-buon viċinat, huwa irraġonevoli, u in vista ta' dan u ta' dak sottomess aktar 'il fuq, il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni mhux ġustifikabbli kif rikjest mill-artikolu *836 (1) (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta; illi*, inoltre, l-intimata Maria Baldacchino naqset milli tottempera ruħha mad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 836 (8) (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni numru 3850/97 milqugħ b'digriet tagħha ta' l-14 ta' Lulju, 1997, u dan *ai termini* ta' l-artikolu 836 (1) (f) u (8) (b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ir-risposta ta' Maria Baldacchino fejn ġie sottomess illi fl-ewwel lok irid *jiġi ppreċiżat li dan il-mandat* kien esegwit fit-22 ta' Lulju, 1977, u l-imsemmi Edwin Pace konsapevolment ma weġibx għalih tant li b'mod l-aktar vulgari flok wieġeb, qal li kien ser jagħmel ħwejjeġ oħra bih; illi meta l-mandat inħareġ u anke ġie imwiddeb permezz ta' ittra (ara dok A), l-esponent xorta waħda baqa' jagħmel użu minn din ir-rampa però imminimizza erronjament l-użu tagħha b'mod li naqqas l-inkonvenjent li kienet qiegħda ssofri Maria Baldacchino, għalkemm xorta waħda għadha ssofri; illi mhux biss għax iddekorriet sena mill-esekuzzjoni - indikazzjoni ċara li Edwin Pace mhux qiegħed isofri ebda preġudizzju, iżda l-istess inkonvenjent li ssofri Maria Baldacchino jiġġustifika l-ħruġ ta' dan il-mandat aabbażi ta' l-artikolu 836 (1) (f) peress li hu raġonevolment meħtieġ li jinżamm; illi finalment lanqas ma

huwa applikabbli dan l-artikolu 836 (8) (b) għaliex: (1) qatt ma saret is-sejħa f'dak l-artikolu li wara kollox mhux intiż għall-odjern iżda f'każ ta' dejn; u (ii) di più, in-nonkuranza da parti ta' l-istess Edwin Pace li ma jweġibx il-mandat ma jagħtihx dritt li jaġixxi taħt dan l-artikolu;

Rat l-atti l-oħra kollha tar-rikors u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni orali tad-difensur tar-rikorrent;

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' Lulju, 1998;

Ikkunsidrat:

Jiġi rrilevat, għal kull buon fini, illi r-risposta ta' l-intimata ġiet inserita fl-atti wara s-seduta tal-15 ta' Lulju, 1998;

Ir-rikorrenti qed jitlob li l-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni, li ġie akkordat kontra tiegħu fl-14 ta' Lulju, 1997, jiġi rrevokat. Ir-rikorrenti qed jagħmel din it-talba, skond kif huwa ssottometta fir-rikors, ai termini ta' żewġ artikoli fil-liġi. L-artikolu 836 (1) (f) u l-artikolu 836 (8) (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

L-artikolu 836 (8) (b) jirreferi għal penali li min ikun ottjena l-ħruġ ta' mandat kawtelatorju jista' jiġi kkundannat iħallas. Peress li t-talbiet rikorrenti jirreferu għar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni u mhux għal kundanna ta' ħlas ta' penali, dan l-artikolu mhux applikabbli għal dawn il-proċeduri;

L-artikolu 836 (1) (f) jipprovdi li jista' jintalab li mandat ta' inibizzjoni, li huwa mandat kawtelatorju, jiġi rrevokat u dana jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm

fis-seħħ jew jekk jintwera li l-istess mandat mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli;

Għalhek fit-terminni ta' dan l-artikolu, din il-Qorti, f'dawn il-proċeduri, żgur li m'għandhiex il-funzjoni li tirrevedi dak li għamlet din l-istess Qorti (diversament presjeduta) meta ġie akkordat il-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni. Lanqas ma għandha l-funzjoni li tissindika dak li għamlet il-Qorti dejjem fil-ħin li ġie akkordat il-mandat. Fi proċeduri bħal dawn il-Qorti, skond il-liġi, hi msejħa tiġġudika jekk huwiex raġonevoli li l-mandat in kwistjoni jibqa' fis-seħħ jew jekk l-istess mandat għadux meħtieġ;

*Għalhekk, għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri, il-kwistjoni* dwar għaliex ir-rikorrenti oriġinarjament naqas li jirrispondi għar-rikors fejn intalab il-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni hi totalment irrelevanti. Hi ukoll irrilevanti l-kwistjoni ta' kif ġie akkordat l-istess mandat;

Ir-rikorrenti naqas li jipprova li kien hemm xi bdil fiċ-ċirkostanzi li kienu prevalenti meta nħareġ il-mandat in kwistjoni. Inoltre, ir-rikorrenti naqas li jipprova jew li juri li fiċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ mhux raġonevoli li l-mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni jibqa' fis-seħħ jew li l-istess mandat mhux aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. Ir-raġunijiet li ssottometta r-rikorrenti sabiex it-talba tiegħu tiġi milqugħa jirreferu għal dak li ġara qabel ma ġie ordnat il-ħruġ tal-mandat. *Hu ukoll immaterjali dak li ssottometta r-rikorrenti, fis-sens li* d-daħla in kwistjoni hi l-unika entratura għall-garaxx u għalhekk hi essenzjali għall-użu ta' l-istess garaxx;

Jiġi inoltre rrilevat li l-mandat in kwistjoni ġie akkordat aktar minn sena ilu u jidher li matul din is-sena r-rikorrenti ma ħassx il-ħtieġa, kif qed iħoss issa, li l-mandat jiġi rrevokat;

In vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti m'għandhomx jiġu akkolti;

Għal dawn il-motivi:

Tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti;

Spejjeż kontra r-rikorrenti.

---